# SUĠĠERIMENTI TA' TIBDIL FIL-KOSTITUZZJONI

**DR. M. A. BUHAGIAR LL.D., LL.M. Ph.D.**

**VERŻJONI FINALI.**

***(Il-partijiet li ġew emendati jidhru mmarkati bil-kulur, l-ewwel sett ta' emendi bl-aħdar u t-tieni sett bir-roża. It-tielet sett ta' emendi jidhru b'tipa vjola, filwaqt li r-raba' sett jidhru b'tipa ħamra. M'inhiex sejra nibgħat iktar emendi.)***

1. In-newtralita` ta' Malta għandha tiġi protetta bl-istess mod li tiġi protetta l-elezzjoni ġenerali ta' kull ħames snin, jiġifieri, b'mod li l-artiklu li jitkellem fuq in-newtralita` ta' Malta ma jkunx jista' jinbidel ħlief permezz ta' referendum. Fil-verita`, ikun ferm aħjar jekk wieħed iżid il-ħtieġa li l-istess artiklu jgħaddi mill-Parlament Malti b'maġġoranza ta' żewġ terzi.

**2.** Il-kariga tal-Ombudsman għandha tiġi integrata fil-Kostituzzjoni u fl-istess ħin għandha tiġi estiża għal każijiet fejn persuna tixtieq tilmenta minn xi policy ġdida tal-gvern jew ta' xi korp kostitwit fuq bażi ta' diskriminazzjoni kontra xi grupp partikolari fil-pajjiż. B'hekk, persuna ma jkollhiex għalfejn iġġib prova adegwata ta' interess personali dirett fl-ilment tagħha jekk l-ilment jikkonċerna allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet ttijiet tal-bniedem minħabba xi forma ta' diskriminazzjoni. Dan qiegħda nissuġġerixxih bħala riżultat tal-esperjenżi negattivi li kelli meta l-Ombudsman tefagħli barra l-ilmenti tiegħi fuq bażi ta' nuqqas ta' interess personali fir-riżultat tal-kawża. Fil-preżent, f'pajiiżna, jekk wieħed ma jkunx sinjur, ma għandux l-opportunita` li jitlob il-kanċellament ta' policies ġodda li jiksru d-drittijiet tal-bniedem tal-għeżiez tiegħu bħal familjari u ħbieb tal-qalb, jew anki persuni barranin li jħoss għalihom minħabba l-istat ta' inġustizzja li jinsabu fih. B'kuntrast għal dan, fil-preżent, wieħed sinjur jista' faċilment jiftaħ

kawża kostituzzjonali anki jekk ma jkollux interess adegwat fil-kawża.[1]

3. Għandhom jiġu introdotti garanziji ġodda u speċifiċi fil-qasam tad-drittijiet tal-ħaddiema. EŻEMPJI:
    - Il-Kummissjoni tal-Impjiegi għandha tiġi estiża għal każijiet fejn ħaddiem jitkeċċa jew ibati xi inġustizzja minħabba l-opinjonijiet tiegħu, mhux biss opinjonijiet politiċi iżda wkoll opinjonijiet li jolqtu kwistjonijiet soċjali u kulturali. Mill-esperjenzi li kelli nista' ngħid li, fil-preżent, il-Kummissjoni tal-Impjiegi diffiċli taċċetta lmenti ta' persuni li ma jkunux tesserati u attivi f'xi partit. Din għanha tiġi korretta.
    - Id-dritt għal paga xierqa għandu jiġi ddefinit mill-Kostituzzjoni b'mod li, jekk sid ma jħallasx il-paga minima skont il-liġi, għandu jinżamm responsabbli kriminalment anki jekk ikun hemm kunsens min-naħa tal-impjegat.
    - Il-ħinijiet tax-xogħol m'għandhomx jiskorru s-sittin siegħa fil-ġimgħa, lanqas bis-sahra. (B'hekk, niġu konformi ma' dak li titlob l-U.E.). Impjieg għal iktar minn 60 siegħa fil-ġimgħa għandu jitqies bħala trattament degradanti, jew skjavitu`.[2]
    - L-uniċi forom aċċettabbli ta' impjiegi (jiġifieri, postijiet ta' "employed persons") għandhom ikunu jew *full-time*, jew *part-time*. Jekk sid

[1] Għall-każijiet li jinvolvu lmenti ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa jew xi lment ieħor relatat ma' kwistjonijiet tal-ġeneru, anki jekk dawn l-ilmenti jkunu saru minħabba xi liġi gdida, għandha titwaqqaf Kummissjoni ġdida biex teżamina biss dawn it-tip ta' lmenti. Ma jidhirlix li Kummissjoni kostituzzjonali għal ilmenti dwar il-ġeneru teżisti fil-preżent. Il-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun wiesgha kemm jista' jkun u l-interess persunali fl-eżitu tal-kawża ma għandux għalfejn jiġi ppruvat b'mod dirett. It-twaqqif ta' din il-Kummissjoni għandu jiġi studjat bil-għaqal, għaliex il-kulturi barranin li deħlin f'pajjiżna jistgħu jheddu bis-sħiħ il-progress li pajjiżna diġa` rnexxielu jikseb f'dawn l-aħħar tletin sena fil-qasam tad-drittijiet tal-ġeneru. Fl-opinjoni tiegħi, din it-theddida kulturali hija waħda reali, u wieħed għandu jiżgura protezzjoni sħiħa tal-ugwaljanza tal-ġeneru, speċjalment il-protezzjoni tal-mara f'kull waqt. Għalhekk, il-Kummissjoni hawnhekk proposta għandha titwaqqaf taħt il-Kap. 4, mhux il-Kap. 2 tal-Kostituzzjoni. Din il-nota ma għandhiex titqies bħala suġġeriment min-naħa tiegħi li l-mara għandha tingħata d-dritt kostituzzjonali li tabortixxi. Dan id-dritt jiena ma naqbilx miegħu.

[2] Naturalment, il-"*full-time working-week*" għandha tibqa' kif inhi fil-preżent (jiġifieri, ta' erbgħin siegħa fil-gimgħa).

iħaddem persuna sempliċement billi jpoġġiha "on call" (jibgħat għaliha biss meta jrid hu), għandu jinżamm responsabbli kriminalment.[3]

- Sid għandu wkoll jinżamm responsabbli kriminalment jekk iġiegħel lil xi impjegat ġdid jerġa' japplika kull sena għall-post li diġa` jokkupa _ dan sakemm jiġi deċiż jekk hux sejjer jiġi aċċettat għal żmien indefinit. Il-perjodu ta' *probation* għandu jitniżżel fil-kuntratt, u malli jispiċċa dak il-perjodu, l-impjegat għandu jkollu d-dritt li jiġi mgħarraf jekk għaddiex mill-probation jew le (jiġifieri, jekk l-impjieg tiegħu huwiex sejjer jinbidel f'impjieg għal żmien indefinit, jew jekk huwiex sejjer jitkeċċa). Hija ħaġa inumana li persuna jkollha toqgħod tapplika sena wara sena għall-istess impjieg (anki jekk diġa` teżisti regola li, wara numru ta' snin, l-impjegat isir "tal-post").
- F'affarijiet ta' impjiegi fis-servizz pubbliku, il-gvern għandu jitqies bħal kull *private employer* u b'hekk għandu jħares il-liġijiet kollha li jorbtu l-*employers* privati.

4. Il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima għandha ssib postha fil-Kostituzzjoni. Għalhekk, l-istatus ta' refuġjat tal-klima, kif ukoll l-istatus ta' persuna li tingħata protezzjoni umanitarja minħabba li qiegħda tbati l-effett tat-tibdil fil-klima globali għandhom jiġu definiti mil-liġijiet ta' Malta u rrikonoxxuti fil-Kostituzzjoni.
5. Id-dritt għall-privatezza għandu jiġi estiż għall-privatezza fuq l-internet, iżda fl-istess ħin dan id-dritt għandu jiġi bbilanċjat (i) mal-ħtieġa ta' ġurnaliżmu u midja ħielsa kif ukoll (ii) mal-ħtieġa fondamentali li tiġi mħarsa s-sigurta` nazzjonali ta' pajjiżna. EŻEMPJI:

- Il-Kostituzzjoni għandha tipproteġi b'mod speċifiku l-ġurnalisti investigattivi bi kredenzjali professjonali, kif ukoll il-"*whistleblowers*" politiċi, li, għalkemm mingħajr kredenzjali speċjalizzati fil-Ġurnaliżmu, jispiċċaw jagħmlu l-istess xogħol ta' ġurnalisti investigattivi bl-istess livell ta' effiċjenza.
- Il-Kostituzzjoni għandha ssemmi b'mod speċifiku li ż-żamma ta' *database* nazzjonali bid-DNA ta' kull ċittadin Malti u ta' kull barrani li ~~jidħol~~ jissetilja f'Malta ma għandhiex titqies bħala ksur tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

[3] Din is-sitwazzjoni mhix aċċettabbli. Ħafna barranin qegħdin jingħataw jimpjiegi ta' din ix-xorta, bir-riżultat li bdew jiżdiedu l-każijiet ta' kirjiet lill gruppi kbar ta' inkwilini (flok lil inkwilin wieħed, jew familja waħda). Agħar minn hekk, xi wħud minn dan il-kirjiet ikunu ta' postijiet *sub-standard.*

- Il-Kostituzzjoni għandha wkoll issemmi b'mod speċifiku li ż-żamma mill-Pulizija ta' Malta ta' *database* tad-DNA ta' persuni, Maltin kif ukoll barranin, sospettati li wettqu reat kriminali f'pajjiżna lanqas ma għandha titqies bħala ksur tad-demokrazija.
- Bl-istess mod, il-Qrati kollha ta' Malta għandhom jingħataw protezzjoni kostituzzjonali speċifika, sabiex ikunu jistgħu jitolbu d-DNA ta' persuni involuti fil-kawżi ta' quddiemhom bil-għan li titħares l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. B'hekk, il-persuni konċernati ma jkunux jistgħu jiftħu kawża tad-drittijiet tal-bniedem fuq dan il-punt.

6. (a) Il-privileġġ tal-gvern Malti li jista' ma jipproduċix dokumenti mitluba minn qorti Maltija għandu jitneħħa mill-Kostituzzjoni. L-unika eċċezzjoni għandha tkun meta d-dokument mitlub mill-qorti huwa dokument klassifikat (sigriet).
   (b) Il-privileġġ tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu rriveduti mill-qrati għandu wkoll jitneħħa.
7. Id-dritt għall-edukazzjoni, bħala dritt li jirreferi għall-edukazzjoni obbligatorja,[4] għandu jitpoġġa taħt il-Kap. 4 mad-drittijiet bażiċi li jistgħu jiġu infurzati mill-qrati, mhux taħt il-Kap. 2.[5] Għandu wkoll jiġi introdott element ġdid fid-dritt għall-edukazzjoni obbligatorja taħt il-Kap. 4, kif hawn propost. ***Dan huwa d-dritt għal sistema effettiva ta' assessjar formali u rikonoxximent tal-mertu fl-iskejjel "mainstream" ta' edukazzjoni obbligatorja f'pajjiżna, mir-Raba' Sena tal-livell Primarju sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja.*** L-istess artiklu għandu jfisser li sistema effettiva ta' assessjar formali hija waħda mmirata sabiex tiġġenera fil-pajjiż korp ta' ħaddiema u professjonisti kwalifikati li jkunu kapaċi jagħtu l-kontribut tagħhom fil-qasam ta' xogħol li għażlu, bil-għan li tikber u tissaħħaħ l-ekonomija Maltija. Fil-qasam ta' assessjar formali u rikonoxximent tal-mertu, l-istess artiklu għandu jispeċifika dan li ġej:

   (a) ***Sistema ta' assessjar li talloka iktar minn 20% tal-marka globali għal xogħol li sar barra l-iskola, jew xogħol li seta' ma***

[4] bħalissa sa sittax

[5] Taħt il-Kap. 2 tal-Kostituzzjoni, wieħed isib il-prinċipji li għandhom jiggwidaw il-gvern Malti fit-tmexxija ta' pajjiżna. Dawn il-prinċipji ma jistgħux jiġu infurzati mill-qrati.

***sarx mill-istudent innifsu minħabba għajnuna jew appoġġ*** li rċieva minn persuni oħra, anki jekk dawn il-persuni huma edukaturi, ma tistax titqies bħala sistema effettiva ta' assessjar formali. Bl-istess mod, ***sistema ta' assessjar li ma toħloqx livelli ċari u distinti minn xulxin u, bħala konsegwenza ta' dan, l-istudenti ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati skont il-kapaċitajiet tagħhom*** lanqas ma tista' titqies bħala sistema effettiva ta' assessjar formali. Għaldaqstant, kull membru tal-pubbliku għandu jkollu d-dritt li jiftaħ proċeduri quddiem Kummissjoni ġdida, il-***KUMMISSJONI GĦALL-EDUKAZZJONI OBBLIGATORJA,*** sabiex jitlob li jiġu rreveduti ċerti regolamenti ta' bordijiet tal-eżamijiet, ċerti sillabi ta' livell nazzjonali, ċerti partijiet ta' prospectus ta' kulleġġi, universitajiet u istituzzjoniiet oħra ta' edukazzjoni għolja, jew anki ċerta riforma nazzjonali fl-Edukazzjoni li tolqot l-assessjar. Il-persuna li tiftaħ dawn il-proċeduri m'hemmx għalfejn iġġib prova li għandha interess dirett fir-riżultat tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni u lanqas ma għandha tkun soġġetta għall-preskrizzjoni. Qabel ma taċċetta li tittratta l-każ, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-punti imqajmin quddiemha huma ta' importanza nazzjonali u li huwa fl-interess pubbliku li jiġu studjati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha taħtar tim ta' sitt esperti akkademiċi, speċjalizzati f'oqsma differenti, bil-għan li jgħinuha tasal għal deċiżjoni finali. Il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja għandha titwaqqaf mill-istess Kostituzzjoni.

(b) Il-karti ta' eżamijiet, testijiet, proġetti jew xogħol ieħor li jingħataw lill-istudenti għall-finijiet ta' assessjar formali, flimkien mal-Iskema tal-Marki (jekk din tkun saret), għandhom jiġu ppubblikati u offruti għall-bejgħ lill-pubbliku sa mhux iktar tard minn 28 jum mid-data li fiha jkun sar l-assessjar, dan sabiex persuni interessati kif ukoll membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċertaw ruħhom li karta partikolari tassew tirrifletti s-sillabu konċernat fil-każ. ***Jekk persuna tkun tal-fehma li karta partikolari hija inġusta għaliex teżiġi livell ferm iktar baxx, jew livell ferm ogħla, minn dak***

***mistenni fis-Sillabu konċernat fil-każ, għandu jkollha d-dritt li tiftaħ proċeduri quddiem il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja,*** imsemmija fuq. Il-persuna li tiftaħ dawn il-proċeduri għandha ġġib prova ta' interess persunali u dirett fil-każ. Jekk il-Kummissjoni, megħjuna minn tim professjonali xieraq, tasal għall-konklużjoni li l-karta kienet ta' livell ferm iktar baxx minn dak mistenni, għandha tingħata l-poter li, fid-diskrezzjoni tagħha, tordna li l-eżami, test, proġett, eċċ. isir mill-ġdid b'karta differenti. Għall-kuntrarju, jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-karta kienet ta' livell ferm ogħla minn dak mistenni, għandha tingħata l-poter li, fid-diskrezzjoni tagħha iżda bil-għajnuna ta' opinjonijiet esperti, tordna li t-tqassim tal-marki bejn il-komponenti tal-karta jinbidel skont kif issuġġerit mill-istess esperti, dan bil-għan li togħla l-marka ta' kull student. Jew inkella, jekk ikun hemm komponent wieħed biss fil-karta, il-Kummissjoni tista' tordna li l-marka finali ta' kull student togħla b'5 sa 10 marki.

(c) ***Id-dritt għar-reviżjoni tal-karta għandu jingħata lill-istudent b'mod reali, jiġifieri, b'mod li (i) l-istudent ikun jista' jidentifika l-karta bħala l-karta tiegħu, kif ukoll (ii) jingħata fotokopja tagħha flimkien ma' deskrizzjoni uffiċjali tal-iżbalji li għamel.*** Id-dritt ta' identifikazzjoni tal-karta għandu jkun bla ħlas, iżda d-dritt li jitlob fotokopja u deskrizzjoni uffiċjali tal-iżbalji jista' jkun soġġett għall-ħlas. Jekk l-eżami kien wieħed orali, minflok fotokopja, l-istudent għandu jingħata kopja tal-konversazzjoni rrikordjata. Barra minn hekk, l-istudent għandu wkoll jingħata d-dritt kostituzzjonali li, jekk iħoss li tassew bata inġustizzja, jiftaħ każ quddiem il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja bl-assistenza tal-ġenituri tiegħu. Fuq dan id-dritt, l-istess artiklu għandu jkompli kif ġej:

- F'każijiet fejn l-istudent laħaq l-aħħar sena tal-Livell Primarju, il-Kummissjoni tista' tirreferi l-każ lill-Pulizija ta' Malta jekk ikollha dubji serji li l-każ jinvolvi l-falsifikazzjoni tal-identita` tal-istudent. ***Infatti, il-falsifikazzjoni tal-identita` ta' student fil-***

***kuntest ta' assessjar formali għadha ssir reat kriminali mill-aħħar sena tal-Livell Primarju,*** u persuna li tinqabad tagħmel dan malizzjożament għandha tiġi ppenalizzata skont il-Kodiċi Kriminali. Din il-pożizzjoni legali għandha titniżżel f'kull karta tal-eżami, test, proġett, eċċ, ħalli l-istudent ikun mgħarraf sewwa bil-konsegwenzi.

- ***F'każijiet fejn, fuq bażi tal-fotokopja / konversazzjoni rrikordjata, l-istudent jibqa' jinsisti li xogħlu ġie evalwat ħażin, għandu jkollu d-dritt li jitlob lill-Kummissjoni biex tordna li x-xogħol tiegħu jiġi evalwat (ikkoreġut) mill-ġdid minn tim ta' tliet persuni kwalifikati fis-suġġett.*** Fit-talba tiegħu, l-istudent għandu wkoll iġib prova tal-konsegwenzi serji li se jbati jekk ir-riżultat ma jinbidilx. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tilqax it-talba fuq bażi tal-fatti kollha ppreżentati fil-każ. Sadattant, l-ispejjeż kollha ta' din it-talba, inkluża r-remunerazzjoni tat-tim imsemmi, għandhom jitħallsu mill-ġenituri tal-istudent. Fil-każijiet fejn it-tim professjonali jiddeċiedi favur l-istudent, il-marka għandha tinbidel skont kif issuġġerit mit-tim imsemmi, u r-riżultat oriġinali għandu jiġi ddikjarat null. ***Jekk ikun hemm suspetti serji ta' intenzjonijiet kriminali involuti fil-proċess oriġinali ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tirreferi l-każ lill-Pulizija ta' Malta.*** Fil-każ li dawn l-intenzjonijiet jiġu ppruvati matul il-proċess kriminali, il-ġenituri għandhom jingħataw lura l-ammont imħallas minnhom bħala spejjeż tat-talba tagħhom għal rievalwazzjoni.

(d) ***L-istudenti li jkunu jattendu fi skejjel ta' edukazzjoni obbligatorja u li ma jurux progress sostanzjali fil-qasam akkademiku sa tmiem il-"Middle School" għandhom jingħataw id-dritt li jkomplu l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom fi skejjel separati bi programmi kurrikulari speċjalizzati fl-arti u s-snajja, basta li ċ-ċertifikati li jiksbu dawn l-istudenti ma jippreġudikawx il-livell ogħla ta' rikonoxximent li għandu***

***jiġi attribwit liċ-ċertifikati akkademiċi miksubin mill-istudenti l-oħra.***

(e) ***It-tfal bi bżonnijiet speċjali għandhom igawdu d-dritt għall-edukazzjoni obbligatorja fuq bażi ta' ugwaljanza mat-tfal l-oħra, iżda deċiżjoni li biha persuna b'diżabbilta` tintbagħat fi skola primarja speċjali, minflok fi skola primarja "mainstream" minħabba l-gravita` tad-diżabbilta` tagħha ma għandhiex tiġi ttrattata bħala deċiżjoni li tikser id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.*** L-istess jgħodd fil-każ fejn student bi bżonnijiet speċjali li diġa` jattendi fi skola *mainstream* jiġi ttrasferit għal skola speċjali minħabba deterjorazzjoni fl-istat tad-diżabbilta` tiegħu. Fl-istess waqt, il-ġenituri ta' student b'diżabbilta` għandhom jingħataw mill-Kostituzzjoni d-dritt li jiftħu proċeduri, bla ħlas, quddiem il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja jekk ma jkunux sodisfatti bid-deċiżjoni li binhom[6] jattendi jew jiġi ttrasferit għal skola speċjali. Il-Kummissjoni għandha tordna li d-deċiżjoni tiġi rriveduta minn tim magħmul minn żewġ esperti mediċi u psikologu tat-tfal.

(f) ***L-istudenti bi bżonnijiet speċjali li jattendu fi skejjel "mainstream" ta' edukazzjoni obbligatorja għandhom jingħataw opportunitajiet ugwali fil-qasam edukattiv, basta li ċ-ċertifikati li jiksbu dawn l-istudenti ma jippreġudikawx il-livell ogħla ta' rikonoxximent li għandu jiġi attribwit liċ-ċertifikati akkademiċi miksubin mill-istudenti l-oħra.*** Għaldaqstant, fil-qasam ta' assessjar formali, dawn l-istudenti jistgħu jingħataw għajnuniet speċjali, anki għajnuniet sostanzjali relatati mas-suġġett, basta li (i) dawn l-għajnuniet jiġu ddefiniti b'mod ċar f'regoli apposta maħruġin mill-Bordijiet tal-Eżamijiet u (ii) l-għajnuna partikolari li tingħata lil kull wieħed minnhom tiġi speċifikata b'mod sħiħ u ċar fir-riżultat u ċ-ċertifikat finali. Sistema ta' assessjar formali li tipprovdi għal arranġamenti ta' din ix-xorta għandha titqies bħala sistema effettiva minkejja l-kontenut tal-

[6] jew binthom

paragrafu (a) li jidher fuq. Il-Kostituzzjoni għandha wkoll tipproteġi lil dawn it-tfal billi toħloq id-dritt li l-ġenituri tagħhom jiftħu każ kontra l-iskola quddiem il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja, jekk l-iskola tiddeċiedi li binhom għandu jingħata LSE kontra l-volonta` tagħhom. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tqis biss l-interess tal-istudent u għandha tordna li d-deċiżjoni tal-iskola tiġi rriveduta minn tim professjonali magħmul minn żewġ psikologi tat-tfal u l-*counsellor* tal-iskola. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi tagħha bla ħlas.

(g) Il-ġenituri ta' studenti bi bżonnijiet speċjali li jattendu fi skejjel ta' edukazzjoni obbligatorja f'Malta, kemm skejjel speċjali kif ukoll skejjel *mainstream*, għandhom jingħataw id-dritt kostituzzjonali li jiksbu ċertifikat mediku ta' miljorament fl-istat ta' diżabbilta` ta' binhom jew binthom u jippreżentaw talba formali quddiem il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja sabiex din tordna li, minħabba il-miljorament hawnhekk aċċennat, l-istudent konċernat għandu jiġi ttrasferit minn skola speċjali għal skola *mainstream* jew, fil-każ fejn l-istudent ikun diġa` jattendi fi skola *mainstream*, jiġi meħlus mill-ħtieġa li jkollu LSE.

(h) Il-ġenituri ta' studenti bi bżonnijiet speċjali li jattendu fi skejjel *mainstream* ta' edukazzjoni obbligatorja f'Malta għandhom jingħataw id-dritt kostituzzjonali li jiksbu ċertifikat mediku ta' fejqan totali mid-diżabbilta` ta' binhom jew binthom u jippreżentaw talba formali quddiem il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja sabiex din tordna li, bħala konsegwenza taċ-ċertifikat ta' fejqan totali hawnhekk aċċennat, l-istudent konċernat għandu jiġi meħlus mill-ħtieġa li jkollu LSE.

(i) Il-ġenituri ta' studenti bi bżonnijiet speċjali li dejjem attendew fi skejjel *mainstream* tul l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom (jiġifieri, qatt ma attendew fi skejjel speċjali ta' edukazzjoni obbligatorja) għandhom ukoll jingħataw id-dritt kostituzzjonali li, fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja ta' binhom jew binthom, jippreżentaw talba quddiem il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Obbligatorja sabiex ir-rekords kollha tal-iskola li jirrigwardaw is-servizzi

mogħtija lil binhom jew binthom minn LSEs, psikologi tat-tfal, *social workers*, *counsellors* jew terapisti oħra[7] jiġu distrutti. Dan id-dritt għandu jingħatalhom jekk iġibu prova biżżejjed li d-deċiżjoni oriġinali tal-iskola li permezz tagħha kien ġie allokat LSE lil binhom jew binthom kienet essenzjalment żbaljata, anki jekk din id-deċiżjoni kienet ittieħdet bil-kunsens formali u bil-miktub tal-istess ġenituri.

**DR. MARY ANNE BUHAGAR LL.D., LL.M., Ph.D.**
**MOB.: 77427116**

[7] Naturalment dawn ma jinkludux rekords akkademiċi u rekords dwar l-imġiba tal-istudent bħal rekords dwar azzjonijiet dixxiplinarji li kienu ttieħdu mill-iskola fil-konfront tal-istudent konċernat.